# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 54

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **il-Ħamis 5 ta' Jannar 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku

**SKUŻAT:**

Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Il-Viċi-Sindku s-Sur Chris Cassar, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**54.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

54.1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa u qal li jekk ikun jista', ser jattendi aktar tard. Apoloġija approvata.

54.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Apoloġija approvata.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

54.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 53 għall-approvazzjoni. Il-Viċi-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**54.3 Korrispondenza**

54.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta European Netwrok of Holy Week and Easter Celebrations sabiex jinfurmawna li l-kungress tal-assoċjazzjoni se jsir f'Palermo Sqallija nhar it2 u 3 ta' Marzu 2023.

54.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Onor. Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport u Infrastruttura rigward diversi punti mqajjma f'korrispondenza li s-Sindku kien bgħat rigward il-proġett ta' Sally Port u l-aċċess tal-karozzi għal St. Angelo Mansions.

54.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Lianne Cassar mir-Reġjun Port dwar il-laqgħa li saret rigward il-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali u l-iskeda l-ġdida. Għal din il-laqgħa kien attenda l-Kunsillier is-Sur Anton Gellel.

54.3.4 Preżentata korrispondenza dwar il-latrina tal-Fortini, bejn is-Sindku u l-President tal-Vittoriosa Stars F.C. is-Sur Daniel Orsini rigward il-ftehim li sar dwar il-ftuħ tal-latrina nhar ta' Ħadd.

54.3.5 Preżentata korrispondenza rigward l-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristorant tal-Vittoriosa Stars F.C. li jinsabu quddiem l-Għassa tal-Pulizija fejn il-kunsill qed jistaqsi xi żviluppi kien hemm dwar din is-sitwazzjoni.

54.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Clarie Gafà, Leader tal-Cottonera Community Service fejn talbet lill-Kunsill Lokali sabiex jgħina fil-ħlas għat-trasport għal waħda mill-attivitajiet organizzati f'Diċembru b'risq il-membri tal-komunità li jattendu dan iċ-ċentru. Il-kunsill lokali fil-laqgħa preċendenti, qabel li l-kunsill ikopri dawn l-ispejjeż.

54.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Michel Angelo Muscat sabiex jittella' kunċert fil-Parroċċa ta' San Lawrenz b'risq il-Malta Trust Foundation. Dan il-kunċert sar u kien abbinat mal-attività tal-Milied Birgu by Christmas Lights 2022. Il-Kunsill Lokali ħareġ l-ispejjeż ta' dan il-kunċert.

54.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ***Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom***. L-applikazzjoni sottomessa ġiet approvata u l-kunsill se jkun qed jibbenefika mis-somma ta' €31,450 (wieħed u tletin elf, erbgħa mija u ħamsin Ewro) sabiex jinxtara van li jgħabbi persuni bil-wheelchair.

54.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni Kottonera rigward laqgħa dwar ir-restawr tal-ġibjuni mill-Energy and Water Agency. Din il-laqgħa se ssir l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2023 fl-uffiċini tal-Fondazzjoni Kottonera fejn se jkunu qed jiġu diskussi punti sabiex isir aktar restawr ta' aktar ġibjuni fil-Kottonera kollha. Min-naħa tal-kunsill, diġà hemm fil-ħsieb li jiġu restawrati l-ġibjun tal-Berġa tal-Ingilterra, tal-Armerija u tal-Parroċċa ta' San Lawrenz.

**N.B. 18:00 Is-Sindku s-Sur John Boxall daħal għal-laqgħa.**

54.3.10 Preżentati tlett kwotazzjonijiet għat-tbattil tal-Bring-in sites li jinsabu madwar il-Birgu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li ħlasijiet addizzjonali għall-ġbir tal-iskart ma jistax isir wara li d-Direttur Ġenerali bgħatt ċirkolari dwar dan is-suġġett. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li s-siti kollha jitneħħew u jitħalla biss sett ta' bins għas-separazzjoni tal-iskart fi Triq l-Assedju l-Kbir wara ħajt li kien inbena apposta met asar il-proġett tax-xatt. Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-kunsill diġà naddfu din iż-żona sabiex jitpoġġa sett ġdid ta' bins mill-iskema tal-Green MT.

54.3.11 Preżentata korrispondenza dwar il-programm għal proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea *Creative Europe Programme (CREA).* Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li nkunu *Lead Partners* f'wieħed mill-proġetti li qed ikunu kkunsidrati.

54.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Vassallo mill-Grand Harbour Marina fejn qed jistaqsi hux possibli li l-magna tal-BCRS li tieħu l-fliexken, tistax titmexxa għal wara ċinta li warajh suppost hemm il-bring-in sites. Dan il-punt diġà kien diskuss u kien hemm qbil li wara dan iċ-ċint jitpoġġa l-unika sett ta' bins għas-separazzjoni tal-iskart fil-Birgu. Il-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi qal li s-sitwazzjoni fejn din il-magna tal-BCRS mhix waħda pjaċevoli, bi rwejjaħ u tbajja li qed iħalli l-ħmieġ li jħallu n-nies. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li jekk din is-sitwazzjoni tkompli tmur għall-għar, tintbagħat ittra lill-kumpanija sabiex il-magna titneħħa minn fejn tinsab. Is-Sindku qal li l-unika soluzzjoni biex ma sssirx mandra, hija li din titpoġġa f'post li tintlaħaq faċilment min-nies tal-Birgu iżda tkun diffiċli biex tinstab min-nies ta' barra l-lokal.

**54.4 Post-mortem: attivitajiet tal-Milied 2022**

54.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li minkejja l-attività li saret tal-Birgu by Christmas Lights, in-nies xorta ma attendewx b'numri kbar. Qal li hemm bżonn li forsi din l-attività, jekk issir darb'oħra, issir differenti.

54.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li tant ikun hawn attivitajiet tal-Milied madwar Malta, li wisq probabbli n-nies tkun diġà ddejqet iddur lokalitajiet differenti apparti ħafna attivitajiet jaħbtu f'xulxin. Għaldaqstant ippropona li flok issir attività mifruxa fuq jumejn, isiru attivitajiet żgħar ħafna kuljum matul il-bidu tax-xahar ta' Diċembru sal-Milied. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

54.4.3 Is-Sindku qal li l-parties tal-Milied, tal-anzjani u tat-tfal kienu suċċess fejn it-tnejn kellhom ukoll attendenza tajba ħafna. Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li s-sala ta' fuq tal-Berġa ta' Franza mhix daqstant addattata biex isir festin għat-tfal, kemm għall-ispazju kif ukoll għall-mod kif inhi s-sala llum. Is-Sindku qal li darb'oħra, ssir ħarġa flok festin. Is-Sindku rrimarka li ż-żewġ festini tħallsu minn diversi sponsors.

**54.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

54.5.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-applikazzjoni tal-ġemellaġġ bejn il-**Birgu (Malta) u Telavi (Ġorġja)**. Is-Sindku qal li d-delegazzjoni ser tkun mistiedna biex tiġi Malta bejn il-Ħamis 6 u l-Ħadd 9 ta' April 2023 sabiex tinzerta l-festi sbieħ tal-Ġimgħa Mqaddsa u Ħadd il-Għid, fejn is-Sibt filgħodu ssir iċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ġemellaġġ fil-Berġa ta' Franza. Is-Sindku ppropona li bħalma sar meta huwa u s-Sur Trevor Mizzi marru Telavi fuq stedina tal-kunsill ta' Telavi, l-

akkomodazzjoni, ikliet u trasport għad-delegazzjoni mistiedna f'Malta, jiffinanzjha l-Kunsill Lokali tal-Birgu filwaqt li d-delegazzjoni ta' Telavi tieħu ħsieb il-finanzjament tat-titjiriet. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw unanimament din l-applikazzjoni. Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi sabiex jgħinu f'din l-organizazzjoni.

54.5.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2023 kien se jinbeda x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Birgu u Triq San Filippu. Is-Sindku qal li l-kunsill kien infurmat b'kumbinazzjoni u mingħajr ebda avviż minn Infrastructure Malta.

54.5.2 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li n-*Nurture Class* fl-iskola Primarja tal-Birgu u li kienet sponsorjata mid-donazzjonijiet li ġabar il-kunsill lokali, kienet lesta u ser tinfetaħ fil-ġimgħat li ġejjin.

54.5.3 Il-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi qal li hemm bżonn li l-kunsill għandu jieħu inizjattiva sabiex iż-żona bil-ħamrija fid-daħla tal-Birgu titħaddar u ma tibqax biss ħamrija. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament fuq din il-proposta.

54.5.4 Is-Sindku qal li kien avviċinat minn diversi gruppi sabiex jieħdu sehem fil-Birgufest 2023. L-attività tiddependi fuq ix-xogħol tal-proġett tal-Pjazza tal-Birgu. Il-Viċi Sindku Chris Cassar qal li jekk fil-Pjazza jkun għaddej ix-xogħol, ikun aħjar jekk ma ssirx l-attività għax tista' tkun ta' periklu għall-eluf ta' nies li jattendu. Fuq din l-attività għandha tittieħed deċiżjoni aktar 'il quddiem.

54.5.5 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jkun qed ifittex van *second hand* li jingħalaq sabiex jintuża mill-ħaddiema u li fih tkun tista' titpoġġa u titħalla l-għodda li l-ħaddiema jużaw waqt xogħol li jsir fit-toroq biex b'hekk ikun aktar faċli għalihom biex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

54.5.6 Is-Sindku qal li jixtieq li jibda joffri servizz lill-anzjani li jkunu jixtiequ joħorġu minn darhom permezz ta' wheelchair u jinżlu sal-Pjazza jew żoni oħra fil-lokalità. Dawn ikollhom il-faċilità li xi ħadd mill-ħaddiema jwassalhom ankè lura d-dar permezz tal-wheelchairs li xtara l-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

54.5.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi biex jiġi ġenerat il-ġnien ta' taħt is-Sur ta' San Ġakbu mill-konsorzju li jieħu ħsieb is-

St. Angelo Mansions bħala kumpens għall-ġnien li kellu u qatt ma sar, fuq l-imsemmija mansions. Fuq din ma kien hemm ebda żviluppi.

**54.6 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

54.6.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 48** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6375 sa BOV 6372 u l-Iskeda tal-Pagamenti Nurmu 49 – Birgu by Christmas Lights,** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6383 sa BOV 6386** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**54.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

54.7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir It-Tlieta 31 ta' Jannar 2023 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **31 ta' Jannar 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |